**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Illum, 27 ta' Marzu 2019**

**Kawża Numru: 368/09**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Aimen Ageli**
**(ID 157999(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Aimen Ageli**, bin Faraj u Rosena nee` Buhagiar, imwieled Tripoli, Libja fit-28 ta' Lulju 1977 u residenti Flat 4, Triq Kelinu Cachia, Bini tal-Gvern, Blokk 1, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 157999(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-12 ta' Ġunju 2006 fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin (CCF) Raħal Ġdid:

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta

ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li ma kenitx għal użu esklussiv tiegħu;

b) U aktar talli mingħajr l-awtorita' leġittima daħħal jew pruva jddaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs droga (erojina) li huma mediċini perikolużi skond l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, bi ksur ta' artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) U fl-aħħar nett talli b'hekk irrenda ruħu reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-kunsens tal-istess Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-kaz jiġi trattrat bi proċedura sommarja;

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li m'għandux oġġezzjoni ili l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, kif ukoll illi mhux ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2015, il-partijiet iddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi mressqa fil-kawża sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar it-12 ta' Ġunju 2006, waqt tfittxija li saret fiċ-ċella numru 50 f'Diviżjoni II fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin minn uffiċjali ta' l-istess Faċilita` ossia CO 178 Daniel Cuschieri u CO 101 Christopher Mizzi, instabet borża li kienet tikkontjeni disa' pakketti żgħar bl-eroina. Fil-ħin tat-tfittxija fl-istess ċella, okkupata mill-imputat odjern, kien hemm kemm l-imputat kif ukoll detenut ieħor, ċertu Wahid Bin Ali. Kemm a tempo vergine, kif ukoll f'dawn il-proċeduri, l-imputat u Bin Ali nnegaw li din id-droga kienet tagħhom u sostnew illi din tpoġġiet fiċ-ċella tal-istess imputat minn terza persuna sakemm l-imputat kien barra l-istess ċella u dan bil-ħsieb li tintefa ħtija fuq l-imputat.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil **Nadia Lanzon**, fiż-żmien Spettur tal-pulizija, li b'referenza għar-rapport li kien ġie minnha redatt dwar dan il-każ, xehdet illi nhar it-12 ta' Ġunju 2006, hija kienet ġiet infurmata mill-Ispettur Jesmond Borg dwar sejba ta' droga ġewwa l-ħabs. Tgħid ukoll illi kienet hi li kellmet lil Wahid Bin Ali li dak il-ħin tat-tfittxija, kien fiċ-ċella msemmija. Skont l-informazzjoni li ngħatat lilha, il-borża in kwistjoni kienet ġiet innutata f'idejn Bin Ali mill-uffiċjali tal-ħabs. Hekk kif dawn talbuh biex jgħaddilhom l-oġġett li kien qed iżomm f'idejh, dan għall-ewwel irrifjuta, iżda sussegwentement remieh fl-art. Tgħid illi Bin Ali qalilha li din id-droga ma kinetx tiegħu u li l-imputat kien għadu kif sab l-istess ġewwa l-*cupboard* fiċ-ċella tiegħu. Qalilha illi l-imputat imbagħad tefagħha fuq il-mejda u li huwa (ċioe` Bin Ali) ġabarha. Skont Bin Ali, kien proprju f'dak il-mument li daħlu uffiċjali tal-ħabs ġewwa ċ-ċella sabiex jagħmlu tfittxija. Xehdet ukoll illi dan kien qalilha wkoll illi din id-droga kien poġġiha hemmhekk xi ħadd bħala *frame up* fil-konfront tal-imputat, b'dan illi jgħid ukoll illi huwa ma kien ra lil ħadd ipoġġi din il-borża fiċ-ċella.

L-istess xhud tgħid ukoll illi meta ġie interrogat, l-imputat offra l-istess verżjoni u qalilha wkoll illi wara l-*fall in* għall-ħabta tal-5.00 p.m., kien għajjatlu ċertu Nagib ġol-bitħa sabiex ikellmu dwar inċident ta' sejba ta' droga gewwa *portable radio* xi jiem qabel u dan fil-presenza ta' ċertu Eman. Tgħid illi l-imputat kien qalilha illi f'ħin minnhom, dan Nagib telaq mill-bitħa, fil-waqt li huwa baqa' jitkellem mal-ieħor hemmhekk u Nagib, imbagħad, irritorna fil-bitħa xi għaxar minuti wara. L-imputat għalhekk issuspetta illi kien Nagib illi f'dak il-waqt, kien poġġa dan il-pakkett fiċ-ċella tiegħu. Tgħid ukoll illi skont l-imputat, meta huwa ħareġ fil-bitħa, iċ-ċella tiegħu baqgħet miftuħa. Tikkonferma illi mill-investigazzjoni li saret mal-*SRT*, irriżulta illi ċ-ċella tal-imputat kienet tassew tħalliet miftuħa dak il-ħin, għalkemm ma tgħidx ma' min kienet għamlet din il-verifika.

Tgħid ulterjorment illi ġie mitkellem ukoll Nagib Elhadi li, filwaqt li huwa wkoll għamel referenza għall-inċident li seħħ ftit tal-jiem qabel li fih kienet instabet xi droga f'xi radju u qal illi kien jemmen illi kien proprju l-imputat li poġġielu d-droga fir-radju, dan innega li b'xi mod kellu x'jaqsam mad-droga li nstabet fiċ-ċella tal-istess imputat. In kontro-eżami, ix-xhud tgħid illi ma tiftakarx meta eżattament kien seħħ l-inċident tar-radju, għalkemm kienet ivverifikat li kien verament seħħ. Lanqas ma tiftakar jekk kinitx staqsiet lil Bin Ali dwar l-imġieba tiegħu fis-sens illi ma riedx jitlaq il-borża minn idejh meta marru fiċ-ċella l-uffiċjali tal-ħabs.[1]

**L-imputat** irrilaxxja stqarrija nhar it-13 ta' Ġunju 2006[2], liema stqarrija minn jeddu u fuq domanda tad-difiża għażel li jikkonfermaha bil-ġurament waqt ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri. Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat jgħid illi l-għada tal-interrogatorju tiegħu, huwa kien ser jiskonta sentenza ta' erba' xhur priġunerija u li suppost kellu joħroġ mill-ħabs. Jgħid illi dakinhar tal-inċident, huwa kien qiegħed f'diviżjoni II, fiċ-ċella numru 50 u li lil Wahid Bin Ali kien jafu fl-istess diviżjoni. Jgħid ukoll illi xi ħin wara nofsinhar, x'ħin daħal mill-bitħa, kien avviċinah Wahid li għarrfu illi fiċ-ċella tiegħu kienu tefgħulu xi ħaġa. Jgħid illi għalhekk dak il-ħin stess, daħal ifittex fiċ-ċella, li kienet miftuħa, u ra l-gwardarobba mbexxqa. Jgħid illi taħt l-ewwel flokk, huwa sab borża tal-plastik trasparenti, li fiha kien hemm xi pakketti żgħar. Huwa nħasad għaliex induna li dawn kienu jikkontjenu d-droga. Żied jistqarr illi x'ħin refa' din il-borża, daħħlu l-uffiċjali tal-ħabs u għalhekk tefa' l-borża fuq il-mejda, liema borża qabadha Wahid li kien daħal miegħu fiċ-ċella biex jgħinu jfittex. Jgħid ukoll illi Wahid ġie miżmum u irreżista xi ftit biex ma jagħtihomx il-borża, iżda sussegwentment telaq il-borża mal-art u din inġabret mill-uffiċjali tal-ħabs. Jgħid illi dawn il-pakketti ma kinux tiegħu u jaħseb li xi ħadd tefagħhomlu hemm. Dan għaliex proprju jumejn qabel, ġewwa radju li jappartjeni lil Nagib el Hedi, kienet instabet xi droga u dan Nagib kien qiegħed jakkuża lill-imputat li qegħdlu din id-droga hemm stante illi huwa kien l-aħħar persuna li kien mess ir-radju. Jgħid illi dak inhar tas-sejba, dan Nagib li wkoll kien fid-diviżjoni II, kien fil-kumpannija ta' ċertu Eman, għajjatlu fil-bitħa u staqsih għaliex kien għamillu hekk – b'referenza għad-droga misjuba fir-radju – u li huwa kien wieġbu li ma kienx hu li kien poġġa d-droga fir-radju u li ma kienx hu biss li kien mess l-istess. Skont l-imputat, f'nofs din il-konversazzjoni, Nagib daħal ġewwa, fil-waqt illi l-imputat baqa' jitkellem ma' Eman. Dam xi

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 10 sa 15 tal-proċess.
[2] Ara din l-istqarrija a fol. 16 sa 18 tal-proċess.

għaxar minuti u reġa' lura. Wara, Eman u Nagib daħlu ġewwa u hu daħal warajhom u dak il-ħin mar fuqu Wahid u qallu li kienu tefgħulu xi ħaġa fiċ-ċella u kien għalhekk li daħlu jfittxu flimkien fiċ-ċella tiegħu. Stqarr hekk l-imputat: *"Jiena nahseb li l-bicca xogħol kienet mahsuba ghax x'hin tħalt fic-cella infittex lanqas ghaddew hames minuti meta ġew ta' l-SRT ifittxu"*, u jagħlaq l-istqarrija tiegħu billi jgħid: *"m'ghandi x'naqsam xejn ma dawn l-affarijiet u li m'iniex iblah li dawn l-ahhar jumejn li fadalli qabel ma nohrog mil-ħabs se nagħmel xi haga bhal din"*. Jgħid ukoll illi ċ-ċella tiegħu ma kienx sakkarha u mistoqsi għaliex Walid qallu li kienu tefgħulu xi ħaġa fiċ-ċella, jgħid illi ma jafx għax ma kien qallu xejn iżjed u li ma semmielux ismijiet.

L-istess xehed l-imputat fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2017[3] u dan filwaqt li jaċċenna illi kien il-gwardjan li kellu jieħu ħsieb isakkar iċ-ċella tiegħu meta huwa ħareġ minnha u li l-gwardjan kien naqas milli jagħmel dan. Dwar ir-radju, jgħid ukoll illi huwa kien jissellfu mingħand Nagib u li f'okkażjoni minnhom kien mar fuqu ċertu Clyde Bonavia u talbu biex jagħtih ftit dan ir-radju. Wara, dan tahulu lura u huwa tah lil Nagib, saret tfittxija lil Nagib u nstabet id-droga eroina fir-radju. Jgħid ukoll illi Wahid kien qallu l-isem tal-persuna li daħlitlu fiċ-ċella, iżda ma ftakrux, għalkemm jgħid illi kien priġunier Għarbi u mhux Malti.

F'dawn il-proċeduri, xehed ukoll **Wahid Bin Ali** li qal illi l-imputat u hu kienu fl-istess diviżjoni ossia fid-diviżjoni II. Dakinhar induna li xi ħadd kien ħalla d-droga fiċ-ċella tal-imputat, u filwaqt li jagħmel referenza għall-inċident tar-radju u li Nagib kien waħħal fl-imputat odjern li dan kien ħalliellu fih pakketti bl-eroina, jgħid ukoll illi Nagib kien qabbad lil ċertu Bakoush u li huwa kien ra lil dan tal-aħħar ħiereġ miċ-ċella tal-imputat. Jgħid illi għalhekk huwa ħareġ fil-bitħa, sab lill-imputat, qallu li xi ħadd kien daħallu fiċ-ċella u li kellu suspett li kienu tefgħulu xi ħaġa. Jgħid illi l-imputat ippanikja, fetaħ il-*cupboard* u sab borża li huwa assuma li kienet tikkontjeni pakketti bl-eroina. L-imputat waddab din il-borża fuq il-mejda u x-xhud qabadha biex jifflaxjaha, iżda daħlu l-uffiċjali tal-ħabs. Jgħid ukoll illi kien qal dan kollu lill-uffiċjali tal-ħabs u lill-Ispettur Lanzon fl-interrogatorju tiegħu, li huwa ma kienx tressaq dwar dan il-każ, li huwa induna x'kien hemm fil-borża meta l-pakketti nfetħu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u li għalkemm huwa kien ra lit-terz ħiereġ miċ-ċella, ma kienx rah ipoġġi xi ħaġa hemmhekk jew fejn poġġiha. Jgħid ukoll illi b'kollox kien hemm disa' pakketti u li kienu lkoll imkebbin ġo borża.[4]

[3] Ara x-xhieda tal-imputat a fol. 63 sa 72 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 24 sa 29 tal-proċess.

**CO 178 Daniel Cuschieri** u **CO 101 Christopher Mizzi** xehdu fl-Inkjesta Maġisterjali u dan fis-sens illi fit-12 ta' Ġunju 2006, huma kienu ġew ordnati sabiex jagħmlu tfittxija ġewwa ċ-ċella bin-numru 50 ġewwa Diviżjoni II. Jgħidu illi sabu ċ-ċella miftuħa u li ġewwa ċ-ċella kien hemm l-imputat, flimkien ma' detenut ieħor, ċertu Wahid Ben Ali. Skont CO 178, kif daħlu raw lil Wahid jaħtaf pakkett żgħir minn fuq il-mejda, ordnawlu jagħtihulhom, iżda ma obdiex mill-ewwel. Hekk kif rahom se jaqbdu l-manetti, madankollu, dan rema l-pakkett fl-art, liema pakkett kien jikkonsisti f'borża trasparenti li kienet tikkontjeni disat iqratas. Dan ġie wkoll ikkonfermat minn CO101 Christopher Mizzi.[5]

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ, jirriżulta illi huwa ngħata, għall-analiżi tiegħu, *envelope* immarkat bil-kliem Wahed Ben Ali, li fih disa' boroż tal-plastik li fihom il-qratas, liema qratas kienu jikkontjenu trab ta' lewn kannella u disa' fliexken żgħar tal-plastik li fihom it-trab ta' lewn kannella. Dwar dan id-dokument, huwa kkonkluda illi fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn kannella, instabet is-sustanza eroina. Il-piż tat-trab huwa ta' 0.31 grammi. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[6]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Ma hemmx dubju tant illi mhuwiex ikkontestat, illi nhar it-12 ta' Ġunju 2006, fiċ-ċella numru 50, Diviżjoni II, fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, okkupata mill-imputat odjern, instabu disat iqratas kontenenti 0.31 grammi trab kannella li kien fih id-droga eroina. Il-pern tal-kwistjoni f'dawn il-proċeduri hija jekk jirriżultax ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, illi l-imputat kien fil-pussess ta' din id-droga.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi l-verżjoni tal-imputat u dik ta' Wahid Bin Ali hija waħda konkordi u dan kemm in kwantu l-verżjoni mogħtija minnhom it-tnejn *a tempo vergine,* kif ukoll fix-xhieda tagħhom f'dawn il-proċeduri. In oltre il-Qorti tqis illi l-atti ta' din il-kawża joffru provi indizzjarji ulterjuri li jkomplu joħolqu dubju dwar il-ħtija tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

---

[5] Ara x-xhieda taż-żewġ uffiċjali tal-ħabs a fol. 39 tal-proċess verbal, li jinsab esebit a fol. 38 tal-proċess.
[6] Ara r-relazzjoni esebita a fol. 11 tal-proċess verbal.

Fl-ewwel lok, iċ-ċella in kwistjoni tħalliet miftuħa fil-ħin li l-imputat ħareġ minnha. Dan ġie kkonfermat mix-xhud Nadia Lanzon li xehdet illi mill-investigazzjonijiet li għamlet kien irriżultalha dan il-fatt.  Issa veru illi fl-atti m'hemmx ħjiel dwar min kien ikkonferma dan mal-ex Spettur Lanzon, u allura dan jibqa' *detto del detto,* bir-riżultat illi jista' jissarraf biss fi prova li dan il-kliem intqal u mhux fi prova tal-veraċita` tiegħu.  Minkejja dan, anke l-fatt li tali kliem intqal huwa korroborattiv ta' dak li sostna l-imputat, fis-sens illi ċ-ċella tiegħu kienet tħalliet miftuħa.   In oltre m'hemm xejn fl-atti li jxejjen din ix-xhieda tal-imputat jew li juri li din il-parti tax-xhieda tiegħu m'għandhiex mis-sewwa.

Fit-tieni lok, mix-xhieda ta' Wahid Bin Ali, prodott mill-Prosekuzzjoni, jirriżulta illi dan kien ra lil detenut bl-isem ta' Bakoush ħiereġ miċ-ċella tal-imputat waqt li dan tal-aħħar kien fil-bitħa, u kien għalhekk li mar fil-bitħa u għarraf lill-imputat b'dan.  Immedjatament, hu u l-imputat daħlu jfittxu fiċ-ċella.

Fit-tielet lok, kif xehdu l-uffiċjali tal-ħabs, huma kienu ġew ordnati sabiex jagħmlu tfittxija fiċ-ċella in kwistjoni, u għalhekk din ma kinetx sempliċiment tfittxija ta' rutina.  Mill-assjem tal-provi, jirriżulta illi x'aktarx din it-tfittxija saret wara li tqiegħdet id-droga fiċ-ċella tal-imputat u ġew mgħarrfa bl-eżistenza tagħha l-awtoritajiet tal-ħabs u dan sabiex jiġi implikat l-imputat, skont il-verżjoni tiegħu.  F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll il-fatt illi kumbinazzjoni appena l-imputat u Wahid sabu d-droga fiċ-ċella ftit mumenti wara li kienu daħlu fiha, daħlu mill-ewwel fuqhom l-uffiċjali tal-ħabs.

Fir-raba' lok, ġie kkonfermat mill-ex Spettur Nadia Lanzon, illi waqt l-investigazzjoni lilha kien irriżultalha dak li kienu stqarru l-imputat u Wahid *a tempo vergine* u dan dwar is-sejba ta' droga jum jew tnejn qabel ġewwa radju li kien jappartjeni lil Nagib el Hedi, u li waqt din l-investigazzjoni, l-istess Nagib kien qalilha li huwa kien jemmen li kien l-imputat odjern li kien poġġielu d-droga fir-radju, għalkemm naturalment ċaħad li kien huwa li poġġielu d-droga fiċ-ċella.

Fil-ħames lok, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi l-imputat kien ser jiskonta piena karċerarja proprju l-għada ta' dan l-inċident u għalhekk kien wasal biex joħroġ mill-ħabs.

Il-Qorti tikkunsidra għalhekk illi l-unika rabta bejn id-droga misjuba u l-imputat hija illi din id-droga nstabet fiċ-ċella li dak iż-żmien kienet okkupata minnu.  Madankollu, ma jistax jingħad illi jirriżulta pruvat, fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-imputat kellu x-xjenza li trid il-liġi u konsegwentement illi l-pussess tad-droga kien

wieħed volut minnu. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs *Omissis*, Suzette Farrugia</u>** tal-20 ta' Marzu 2019:

"*Illi ghalkemm l-kuncett tal-pussess tad-droga li jitkellem dwaru l-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jissemmiex fid-dicitura tieghu illi dak il-pussess irid ikun wiehed xjenti sabiex tirrizulta r-reita', madanakollu gjaldarba ir-reat huwa wiehed doluz allura dan necessarjament jimplika il-volontarjeta' tal-att.*

*"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma "xjentement"; fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar min "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), kap 101), ikun fil-pussess" (regola 8, A.L.292/1939), "jimporta (artikolu 15A (1), Kap. 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-dispozizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux sempliciment ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26 (1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlita xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabilita') kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skont l-artikolu 26 (2).2*".[7]

Illi mill-provi prodotti jirriżulta, żgur tal-inqas sal-grad tal-probabbli, illi l-imputat lanqas kien konxju tal-fatt illi fiċ-ċella tiegħu kien hemm id-droga u konsegwentement ma jistax jirriżulta illi volontarjament huwa kien qed iżomm fil-pussess tiegħu din id-droga sabiex jgħaddiha lil terzi.

Il-Qorti tqis illi l-provi prodotti jimmilitaw kontra sentenza li permezz tagħha l-imputat jinstab ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Ċertament ġudizzju ta' ħtija a bażi tal-kontenut tal-atti kif komposti, ma jagħtix riżultat li huwa *safe and satsifactory* fiċ-ċirkustanzi tal-każ. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax ukoll illi l-Pulizija Eżekuttiva għandha tarbel sew il-provi li jkollha quddiemha qabel tixli persuna quddiem il-Qorti u mhux tgħaddas rasha u tmexxi xorta waħda meta jkun tant evidenti li l-każ tagħha ma jkunx wieħed sod, biex bħal donnha tħalli d-

---

[7] Ara **<u>Il-Pulizija vs Marzouki Beya Bent Abdellatif</u>**, Appell Inferjuri, 16 ta' Frar 1998.

deċiżjoni f'idejn il-Qorti. Appart l-effetti ta' dan kollu fuq il-persuna mixlija, għal Qorti dan ma jsarraf xejn ħlief f'ħela ta' ħin u riżorsi li frankament m'għandhiex wisq, tenut kont tal-ammont staordinarju ta' kawżi assenjati lilha.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata, u għall-istess raġunijiet lanqas ma tirriżulta pruvata t-tieni imputazzjoni. Fin-nuqqas ta' reita` da parti tal-imputat dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet, lanqas ma jista' jitqies li huwa reċidiv a bazi tat-tielet imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita in atti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi inserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat